MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## IAN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2014

Numru. 735/2011

**Illum 3 ta' Frar 2014**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**EMANUEL HAYMAN**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Emanuel Hayman** ta' 57 sena, iben William u Mary nee' Ciantar, imwieled Tarxien nhar il-05.02.1954 u residenti gewwa No. 391, Triq Haz-Zabbar, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru **182454 (M)**, gie akkuzat talli :

*B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli:*

*Gewwa l-Fgura bejn id-19 ta' Gunju 2011 u fix-xhur ta' qabel f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom u cioe' laqgha ghandu diversi slaleb u ornamenti tar-ram ta' oqbra, liema oggetti gew misruqa minn diversi oqbra mic-cimiterju ta' l-Addolorata u mic-cimiterju tal-Gudja, liema valur ta' dawn l-oggetti jeccedi l-2,329.37 Euro.*

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tas-27 ta` Marzu 2012 li jinsab *a folio* 145 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Rat li fl-udjenza tat-18 ta` Novembru 2013 l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Rat li fl-istess udjenza saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta' piena u jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu (ir-reat kontinwat ta` ricettazzjoni), u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat (li tinsab *a folio* 17 et seq), id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-oggetti elevati u esebiti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni kif

migjuba kontra tieghu tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati skond l-akkuza.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti :

Illi fix-xahar ta` Gunju 2011, fuq informazzjoni kunfidenzjali li kellha l-pulizija dwar serq ta` oggetti li kien qed isir minn fuq oqbra minn gewwa c-cimiterju ta` l-Addolorata kif ukoll minn dak tal-Gudja, gew investigati certu Ronald Azzopardi minn Haz-Zabbar u s-siehba tieghu certu Joanne Ellul, it-tnejn li huma afflitti bil-problema tad-droga. Irrizulta lill-pulizija li effettivament l-imsemmija Ronald Azzopardi u Joanne Ellul kienu jisirqu l-oggetti mic-cimiterji u mbaghad kienu jbieghuhom lil Emanuel Hayman li kien jiggestixxi *scrap-yard* biswit ir-residenza tieghu gewwa l-Fgura. Fuq din l-informazzjoni, l-pulizija arrestat lill-imputat, saru t-tfittxijiet relattivi u ttiehditlu stqarrija. Irrizulta minn dawn l-investigazzjonijiet li effettivament l-imputat kien jizen l-ixkejjer bl-oggetti go fihom, jaghtihom daqqa ta` ghajn, u jhallas lil Ronald Azzopardi. Mill-pussess ta` l-imputat gew elevati l-oggetti, kwazi fl-intier taghhom, li kienu gew misruqa u li kienu gew akkwistati mill-imputat. A bazi ta` dan kollu l-imputat Emanuel Hayman tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuza ta` reat kontinwat ta` ricettazzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss, :

a) il-fedina penali tal-hati li tinsab *a folios 6 u 7* ta` l-atti;
b) l-eta` tal-hati u l-fatt li ghandu familja bi tlett itfal;
c) d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali taghha, kif del resto jirrizulta ampjament mill-atti, li l-maggior parti ta` l-oggetti in kwistjoni gew rekuperati;
d) l-ammissjoni tal-hati fi stadju tali li evita lill-prosekuzzjoni mill-htiega li ttella numru sostanzjali ta`

xhieda sabiex jixhdu fil-Qorti u ghalhekk fir-realta` gie evitat il-hela tal-hin prezzjuz tal-prosekuzzjoni, tal-Qorti kif ukoll tax-xhieda imsemmija. Dan bhala fatt qed jinghata l-piz li ghandu jinghata fil-kontemplazzjoni tal-piena;
e) ic-cirkostanzi rizultanti juru bic-car li l-imputat kien jaf ben tajjeb li l-oggetti li kienu qed jinghataw lilu ma kienux propjeta` legittima ta` Ronald Azzopardi u ta` Joanne Ellul u li tali oggetti kienu gejjin minn attivita` illegali (s-serq);
f) illi l-hati irid jifhem li jekk jikser il-ligi, irid jiffaccja l-konsegwenzi, u f'dan il-kaz, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, l-hati jimmerita li jinghata piena karcerarja. Izda l-Qorti, fid-dawl ta` dak kollu rizultanti, hi tal-fehema li ghandhom jigu applikati l-provvedimenti tas-sentenza sospiza skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 18, 23, 31, 279(b), 334(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lil Emanuel Hayman hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ta` tmintax-il (18) xahar izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Emanuel Hayman, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Il-Qorti tordna lil Emanuel Hayman ihallas lir-Registratur l-ispejjez in konnessjoni ma dan il-kaz u dana bis-sahha tal-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------